# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) SUPERJURI

## MAGISTRAT
## Dr Antonio Micallef Trigona LL.D. Mag. Jur. (EU Law)

## Seduta tal-lum 8 ta' Marzu 2001

Citazzjoni numru 136/98

Maltacom p.l.c.

-vs-

Peter Bannister u b'digriet tat-22 ta' Frar 2000 Dr Alfred Grech gie nominat bhala kuratur deputat sabiex jirrapprezenta lill-konvenut Peter Bannister.

Il-Qorti;

Rat ic-citazzjoni pprezentata mis-socjeta' attrici fl-1 ta' Lulju 1998 fejn ippremettiet illi s-socjeta' attrici, il-Maltacom plc fuq talba tal-konvenut Peter Bannister kienet installat is-servizz telefoniku bin-numru 559527 fil-fond "Casa Collina" Flat 4, Triq ix-Xatt, Mgarr, Ghawdex u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness dokument A u cioe' kopja fotostatika awtentikata tas-"service agreement" ezistenti bejn il-partijiet;

Illi skond l-istess service agreement il-konvenut kien obbliga ruhu li jhallas dawk it-tariffi li minn zmien ghal zmien jigu stabbiliti mis-socjeta' attrici;

Illi l-konvenut Peter Bannister hu debitur tas-socjeta' attrici Maltacom plc fis-somma ta' elf u tmienja u tmenin lira Maltija u seba' centezmi (Lm1088.07), liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta' installazzjoni u servizz tal-linja tat-telefon u dan skond kif jirrizulta mill-anness "statement' immarkat bhala dokument B.

Illi l-istess konvenut gie interpellat ihallas is-somma imsemmija izda baqa' inadempjenti u ghalhekk kellha ssir dina l-kawza;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex dina l-Qorti m'ghandhiex:

1. Tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ elf u tmienja u tmenin lira Maltija u seba’ centezmi (Lm1088.07) liema ammont huwa dovut ghall-uzu (pulses/calls), spejjez ta’ installazzjoni u servizz tal-linji tat-telefon u dana skond ma kif jirrizulta mill-anness statement immarkat bhala dokument B;

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-prezenti, ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 1998 u l-imghax legali kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tas-socjeta’ attrici, il-lista tax-xhieda u d-dokumenti hemm presentati;

Rat il-verbal taghha tal-14 ta’ Frar 2001;

Rat l-atti kollha komprizi d-dokumenti;

Ikkunsidrat:

Illi l-konvenut jinsab kontumaci. Mill-provi jirrizulta li t-talbiet attrici huma fondati. Dan jirrizulta kemm mix-xhieda prodotta mis-socjeta’ attrici u kemm mid-dokumenti esebiti minnha.

Ghalhekk, qeghdha tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta’ attrici l-ammont ta’ elf u tmienja u tmenin lira Maltija u seba’ centezmi (Lm1088.07) oltre l-imghax mil-1 ta’ Lulju 1998.

Bl-ispejjez komprizi dawk ta’ l-ittra ufficjali tat-13 ta’ Marzu 1998.

(ft.) A. Micallef Trigona
Magistrat

(ft.) Maureen Xuereb
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur